**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 45 - L-ERBGĦA 28 TA' SETTEMBRU 2022**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-17:55.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Stephen Abela | Kunsillier |
| Assenti b'apoloġija | Christopher Deguara | Viċi Sindku |
| | Mark Deguara | Kunsillier |
| | Ivan Gaffiero | Kunsillier |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Gloria Debono | Assistent Uffiċjal Prinċipali |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa *live* fuq il-paġna ta' *Facebook.*

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

1.1 Is-SE informa li kien irċieva imejl mingħand il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Deguara u Gaffiero li taw ir-raġuni tagħhom għalfejn ma setawx jattendu għal-laqgħa. Il-Kunsill qies l-assenza tagħhom bħala ġustifikata.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1 Is-SE ippreżenta l-minuti tal-**laqgħa numru 44 li saret l-Erbgħa 24 ta' Awwissu 2022** li kienu meqjusa moqrija.

2.2 Il-minuti ġew approvati (*nem com*) wara proposta mill-Kunsillier Gatt, issekondata mill-Kunsillier Abela.

**3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU**

3.1 Is-Sindku ppreżentat il-kommunikazzjoni tagħha kif ġej:

3.2 Is-Sindku infurmat li bejn is-16 u t-22 ta' Settembru ġiet organizzata l-Ġimgħa Ewropea tal-Mobilità. Il-Kunsill ibbenifika minn fondi għall-ammont

ta' €2,500 sabiex ikunu rkuprati l-ispejjeż wara li ġiet sottomessa applikazzjoni mill-Amministrazzjoni u li kienet aċċettata. Dawn il-fondi ntefqu fuq attivitajiet li tħejjew u anke filmati edukattivi relatati mas-suġġett. Is-Sindku rringrazzjat lill-Kunsillieri Deguara u Gatt li organizzaw l-attivitajiet flimkien mal-amministrazzjoni. Irringrazzjat ukoll lis-SE u l-amministrazzjoni li ltaqgħu mal-esperti tat-traffiku u organizzaw u telgħu filmati edukattivi fuq il-midja soċjali. Hi rringrazzjat ukoll lis-Sur Philip Farrugia li sellef lill-Kunsill apparat biex il-Kunsill seta' jtella' dawn il-filmati.

3.3 Fis-27 ta' Settembru ir-Reġjun Tramuntana ibbenifika minn fondi biex ikun jista' jassisti finnanzjarment lil-libreriji tal-lokalitajiet rispettivi tagħhom. Il-Kunsill ingħata €2,500, Preżenti għal din il-preżentazzjoni kien hemm il-Kunsillier Gatt. Is-Sindku infurmat li l-Kuntratt ġie ffirmat. Żiedet tgħid li r-Reġjun Tramuntana se jgħati ammont ta' fondi lill-Kunsill. Dawn se jkunu kif ġej:- €3,000 biex ikun jista' jintefaq fuq Kultura u €4,000 biex ikun jista' jintefaq fuq attivitajiet u dawl tal-Milied. Se jingħataw ukoll erba' CCTV's. Din se tiġi diskussa fil-Kumitat tal-Finanzi. Is-Sindku infurmat ukoll li talbet għall-fondi għat-tagħmir tat-toroq lir-Reġjun Tramuntana. Aparti hekk hi talbet għal ko-finanzjament ta' €5,000 fuq dan it-tagħmir. B'hekk il-Kunsill ma joħroġ l-ebda flus mill-kont tiegħu.

3.4 Hi infurmat li fit-28 ta' Settembru talbet għal appuntament mal-Kap Eżekuttiv ta' Infrastructure Malta biex jiġi diskuss ix-xogħol pendenti fil-lokalità.

*3.5* Is-Sindku talbet lis-SE sabiex jikkordina appuntament mal-Ministru tat-Turiżmu biex jaġġornana fuq il-kwistjoni tal-karavans.

*3.6* Hi infurmat li jekk it-temp jippermetti fid-29 ta' Settembru se jittella l-parti l-kbira tal-mekkaniżmu tal-Mitħna tal-Għaqba.

*3.7* Is-SE informa li f'Novembru se tiġi delegazzjoni minn Estonja ta' madwar ħmistax-il persuna. Hu informa lil Kunsillier Cuomo sabiex isir arranġament biex din id-delegazzjoni jiltaqgħu mal-Gal Majjistral.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1 Is-SE ġibed l-attenzjoni biex meta tintbgħat korrispondenza mill-Kunsillieri bħala mistoqsija tal-Kunsill, tkun speċifika bħala suġġett u jkun hemm miktub – Mistoqsija għall-Kunsill. Dan sabiex ikun aċċertat li ma jinqabżux.

4.2 Sadanittant il-Kunsillier Spiteri staqsa x'ġara rigward is-siġra li tinsab fit-Triq San Pawl u li għandha fergħa fuq it-triq li hija baxxa.

4.3 Is-SE wieġeb li bħalissa għaddej b'korrispondenza mal-awtoritajiet rigward din il-kwistjoni. Hu semma li kiteb lil Ambjent Malta u lil ERA li dawn infurmaw li ma kinitx fir-responsabilta' taghhom. Transport Malta infurmaw li għadhom qegħdin jiddiskutu dwar din is-siġra. Is-SE informa wkoll lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk din is-siġra taqax taħt ir-responsabiltà tal-Kunsill. Sal-laqgħa l-Kunsill kien għadu bla risposta.

4.4 Il-Kunsillier Spiteri rringrazzja lis-SE tar-risposta.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI

5.1 Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji.

5.1.1 Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr 8/45) anness f'appendiċi A.

5.1.2 Lista ta' dħul tax-xahar ta' Awwissu anness f'appendiċi B.

5.1.3 Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' ta' Awwissu anness f'appendiċi Ċ.

5.1.4 Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Awwissu anness f'appendiċi D.

5.2 Il-Kunsill approva r-rapporti (*nem con*) fuq proposta mis-Sindku issekondata mill-Kunsillier Abela.

**6. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI**

6.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret l-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022 (anness f'appendiċi E).

6.2 Il-Kunsill approva dawn il-minuti (*nem con*) fuq proponiment tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Cuomo.

**7. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI**

7.1 Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tat-Talbiet u Lmenti li saret l-Erbgħa 14 ta' Settembru 2022 (anness f'appendiċi F).

7.2 Il-Kunsill approva dawn il-minuti (*nem* con) wara proposta mis-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Gatt.

**8. ĠNIEN SANTA MARIJA TAL-ANĠLI**

8.1 Is-Sindku infurmat li ftit ġimgħat ilu sar vandaliżmu f'dan il-ġnien. Is-Sindku irċiviet filmat mingħand il-Kunsillier Cuomo u bgħatet il-filmat lill-Pulizija.

8.2 L-Ispettur tal-Għassa tan-Naxxar malajr ħadet azzjoni fejn kien nqabad tifel ta' tlettax-il sena li kien għamel dan l-att. Il-ġenituri ta' dan it-tifel ikkommettew mal-Pulizija li se jħallsu l-ispejjez tal-ħsarat li sar.

8.3 Hi infurmat li dan il-ġnien jaqa' taħt ir-responsabiltà tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi. L-għada stess ta' dan l-inċident l-uffiċjal tal-Ministru Zrinzo Itaqa' mal-Kunsillier Cuomo fejn raw il-ħsarat li saru u se jgħaddi l-ispiża ta' dawn il-ħsarat.

8.4 Is-Sindku infurmat li l-istat tal-ġnien għadu l-istess. Ftit qabel il-laqgħa tal-Kunsill, dan l-uffiċjal informa lis-Sindku li t-tagħmir tal-logħob tat-tfal mhux se jinbidel għal wieħed ġdid. Anzi dawk li huma bil-ħsara se jinbidlu għal dawk ġodda u l-oħrajn se jiġu rranġati. Dwar dan is-Sindku ma qablitx, għaliex id-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi kienu wegħdu lill-Kunsill li dan il-ġnien kellu jinbidel għal kollox ġdid. Dan l-uffiċjal għandu jerġa' jikkuntatja lill-Kunsill dwar dan.

8.5 Is-Sindku ssuġerit li ssir Konferenza Stampa dwar dan. Hi qajmet il-punt ukoll li l-Kunsill jifhem ir-residenti però minn naħa l-oħra tajjeb ukoll li r-residenti ma jarmux skart bl-addoċċ ġewwa l-ġnien. Dwar dan is-Sindku infurmat lill-Kunsillier Cuomo li tiġi diskussa wara l-laqgħa.

8.6 Il-Kunsillier Cuomo saqsiet lis-Sindku dwar jekk kienx hemm żvilupp dwar l-entratura ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Is-Sindku infurmat li tkellmet mal-Ministru Dalli u infurmatha li qed taħdem fuqha.

8.6.1 Is-SE informa li kien tkellem ma' Ambjent Malta u hemm il-ħsieb li jħawlu pjanti, siġar u arbuxelli iżda dawn ma jkunux indiġeni biss għaliex dawn fis-Sajf ma jkunux daqshekk sbieħ.

8.6.2 Il-Kunsillier Cuomo qajmet il-punt biex jitkellmu mal-Gal Majjistral sabiex jgħatu l-ideat tagħhom ukoll. Is-Sindku infurmat lil Kunsillier Cuomo sabiex isir appuntament magħhom

## 9. DWAL TAL-MILIED

9.1 Is-SE informa li iż-żewġ persuni li s-soltu jarmaw id-dawl tal-Milied, din is-sena mhux se jkunu jistgħu jgħatu dan is-servizz lill-Kunsill bħas-snin ta' qabel.

9.2 Hu informa li fil-garaxx hemm ammont kbir tat-tiżjin tad-dawl tal-Milied li qed jieħu ħafna mill-ispazzju li hemm. Saret laqgħa ma' persuna li tkun qed tieħu ħsieb it-tiżjien u ġie diskuss li d-dawl li l-Kunsill għandu jsir tiegħu u jkun responsabbli hu. Sadanittant qed jistenna l-proposta ta' din il-persuna li se tieħu ħsieb id-dawl. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti is-Sindku. Il-Kunsill qabel li jistenna l-proposta u tiġi diskussa.

## 10. ATTIVITAJIET

10.1 Il-Kunsillier Brincat issuġerixxa li għal żmien il-Milied isiru attivitajiet żgħar bħal dik li saret is-sena l-oħra fejn il-Kappella ta' Xagħra iżda jestendu sal-Pjazza.

10.2 Is-Se informa li l-Każini qed jistaqsu biex jorganizzaw attivitajiet għal dan iż-żmien. Is-Sindku ssuġerit li jorganizzaw attivitajiet flimkien bejn il-Kunsill u l-Każini.

10.3 Is-SE informa li fuq l-attivitajiet se jitkellem mal-Kunsillier Gaffiero u jiddiskutu l-ideat tiegħu. Il-Kunsill qabel.

## 11. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

11.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Erbgħa 26 ta' Ottubru 2022 fis-17:45.

11.2 Il-Laqgħa ntemmet fis-18:44.

| | |
|---|---|
| **ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI** | **PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY)** |
| **SINDKU** | **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** |